



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 8 ta' Ottubru 2025
(OR. en)**

**2025/0074(COD)
LEX 2463**

**PE-CONS 33/1/25
REV 1**

**COPEN 193
EUROJUST 24
JAI 1002
CODEC 948**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA
R-REGOLAMENT (UE) 2018/1727 FIR-RIGWARD TAL-ESTENSJONI TAL-PERJODU
TA' ŻMIEN GĦALL-ISTABBILIMENT TAS-SISTEMA TA' ĠESTJONI TAL-KAŻIJET
TAL-EUROJUST**

REGOLAMENT (UE) 2025/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-8 ta' Ottubru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727
fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' żmien
għall-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Eurojust

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 85 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u jistabbilixxi l-kompiti, il-kompetenza u l-funzjonijiet tagħha.
- (2) Biex taħżen id-data personali operazzjonali kollha b'mod sigur, l-Eurojust stabbiliet sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi. Permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, il-membri nazzjonali tal-Eurojust jiskambjaw l-informazzjoni kollha relatata mal-każijiet b'mod sigur u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. F'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2018/1727, l-Eurojust ma għandhiex il-permess tistabbilixxi kwalunkwe fajl ta' data awtomatizzat ieħor għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ emenda r-Regolament (UE) 2018/1727 biex jipprovdi l-qafas legali għal sistema modernizzata ta' ġestjoni tal-każijiet (is-“sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet”). Is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet għandha tintegra u tippermetti l-funzjonalitajiet tar-Reġistru Ġudizzjarju Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u ttejjeb il-kapaċità tal-Eurojust li tidentifika rabtiet bejn proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera kontra persuni suspettati b'reati terroristiċi u informazzjoni pproċessata fl-Eurojust relatata ma' każijiet oħra ta' reati serji filwaqt li tiegħu vantaġġ sħiħ mill-mekkaniżmi eżistenti nazzjonali u tal-Unjoni għat-tqabbil tad-data bijometrika.

² Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu (ĠU L, 2023/2131, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2131/oj>).

- (4) L-iskadenza għall-istabbiliment tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet hija l-1 ta' Diċembru 2025 (l-“iskadenza”). Madankollu, minħabba fatturi esterni u l-kumplexità tal-migrazzjoni, l-Eurojust mhux se tkun tista' tistabbilixxi s-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet sa dik l-iskadenza. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Eurojust titħalla tkompli tuża s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi sakemm tiġi stabbilita s-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet.
- (5) Sabiex l-Eurojust tkun tista' tittestja u tiżgura l-operazzjonalità u l-interoperabbiltà tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u biex tittrasferixxi d-data mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi għas-sistema ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet, huwa meħtieġ li l-iskadenza tiġi estiża.
- (6) Sabiex tittrasferixxi d-data mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi għas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet u biex tivverifika l-korrettezza tad-data migrata, jenħtieġ li l-Eurojust tkun tista' żżomm is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi wara li s-sistema ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet tkun bdiet topera, iżda mhux iktar tard mill-1 ta' Diċembru 2027. L-estensjoni tal-iskadenza b'sentejn jenħtieġ li tagħti lill-Eurojust biżżejjed żmien biex tiffinalizza l-istabbiliment tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet, filwaqt li tillimita l-perjodu li fih id-duplikazzjoni tad-data personali operazzjonali tiġi permessa b'mod eċċezzjonali.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (Att dwar Ewropa Interoperabbli) (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj>).

- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u ta opinjoni fit-22 ta' April 2025,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (UE) 2018/1727

Fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2018/1727, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. L-Eurojust tista' tkompli tuża s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi sal-1 ta' Diċembru 2027, sakemm is-sistema ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet ma tkunx diġà fis-seħħ u l-migrazzjoni tad-data mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u indiċi, u l-verifika tal-akkuratezza ta' dik id-data, ma jkunux tlestew qabel dik id-data.”

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President